# LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 549.64

## REGOLAMENTI DWAR IL-ĦARSIEN TAS-SIĠAR U L-IMSAĠAR

24 ta' Mejju, 2011

*L-AVVIŻ LEGALI 200 tal-2011.*

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti dwar il-Ħarsien tas-Siġar u l-Imsaġar. Titolu.

TAQSIMA I: INTERPRETAZZJONI U AMMINISTRAZZJONI

**2.** F'dawn ir-regolamenti, sakemm ir-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra: Tifsiriet.

"area ta' konservazzjoni urbana" jew "AKU" tfisser ċentru storiku (qalba tar-raħal jew belt) kif indikata fi pjan regolatur jew pjan lokali jew f'*policies* tal-ippjanar oħrajn approvati;

"l-Att" tfisser l-Att dwar il-Ptotezzjoni tal-Ambjent; Kap. 549.

"l-awtorità kompetenti" tfisser l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi;

"Direttur" tfisser id-Direttur responsabbli għall-ħarsien tal-ambjent fi ħdan l-awtorità kompetenti, jew rappreżentant nominat minnu;

"friegħi ewlenin" tfisser friegħi li joriġinaw miz-zokk jew zkuk prinċipali tas-siġra;

"friegħi sekondarji" tfisser friegħi li joriġinaw mill-friegħi ewlenin tas-siġra;

"'il barra miż-żoni ta' żvilupp" jew "ODZ" tfisser art li tinsab 'il barra mill-konfini taż-żoni ta' żvilupp skont pjan regolatur jew pjan lokali;

"intervent kirurġiku" tfisser kwalunkwe kura meħtieġa biex issalva siġra mill-mard jew ħsara mekkanika, kollass strutturali, kif ukoll kuri biex jevitaw aktar ħsara f'siġra li diġà jkollha xi ħsara;

"miżuri ta' tħawwil kumpensatorju" tfisser it-tħawwil jew li jkun hemm disponibbli għadd ta' siġar bħala sostituzzjoni għal kull siġra li tkun saritilha ħsara jew li tkun ġiet maqlugħa, skont dispożizzjonijiet tal-linji gwida stabbiliti mill-awtorità kompetenti;

"organiżmi li jagħmlu l-ħsara" tfisser kull għamla ta' pjanta jew annimal jew xi aġent li jikkawża mard, minnbarra organiżmi li jagħmlu l-ġid, li jkunu kapaċi li, b'mod dirett jew indirett, jistgħu jikkawżaw il-ħsara lil xi materjal veġetali jew organiżmu li jagħmel il-ġid u tinkludi organiżmi ta' ħsara li jkunu ġew modifikati ġenetikament u ħaxix ħażin;

"persuna" tfisser kull persuna, sew naturali jew ġuridika, korporata jew mhix korporata, u tinkludi kull persuna li taġixxi f'isimha jew taħt xi istruzzjonijiet ta' kwalunkwe mgħallem, sid jew min iħaddem;

"qrib xi siġra" tfisser ħames metri 'l bogħod miċ-ċirkonferenza ta' djul is-siġra jew għaxar metri 'l bogħod miz-zokk tas-siġra, skont liema hi l-akbar;

L.S. 549.44
L.S. 549.42

"regolamenti ambjentali relatati" tfisser ir-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali, ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, u liġijiet oħra relatati;

Kap. 315.

"rekwiżit għat-tipjip", "sigarett" u "tabakk" għandhom l-istess tifsira bħal dik speċifikata fl-artikolu 2 tal-Att dwar il-Kontroll tat-Tipjip tat-Tabakk;

"sid" tfisser sew is-sid dirett kif ukoll kull persuna li għandha titolu ta' kiri, enfitewsi jew kull għamla oħra ta' pussess, jew kemm is-sid tal-proprejtà u tat-titolu flimkien, solidalment jew separatament;

"siġra" tfisser xitla perenni, kemm ħajja jew mejta, li jkollha z-zokk jew zkuk tal-injam, li fl-istadju matur tagħha, jkollha z-zokk ewlieni jew zkuk, u friegħi sekondarji maqtugħa mill-art, u b'kuruna distinta;

"siġar mkabbra ortikulturalment" tfisser siġar imħawla li tkabbru b'mod ortikulturali u f'ambjenti artifiċjali bħal art agrikola, ġonna privati, ġnub ta' toroq u żoni pavimentati, u teskludi siġar ġo żoni protetti jew f'arei barra miż-żoni ta l-iżvilupp li jikbru fl-ambjent naturali tagħhom, sew jekk imħawwla oriġinarjament sew jekk le;

"sit" għandha tinkludi ukoll proprjetà waħda jew aktar minn waħda, irrispettivament minn min ikun is-sid ta' dik il-proprjetà li tifforma parti mis-sit li tkun indikata bħala żona għall-ħarsien tas-siġar skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 6;

"speċi ta' siġar protetti" tfisser siġar elenkati fl-Iskedi I u II;

"żbir" tfisser il-prattika li jinqatgħu il-friegħi ewlenin, friegħi sekondarji, friegħi ġodda li għadhom kemm spuntaw u bgħula mal-bażi tas-siġar bil-għan li jitneħħew il-partijiet tas-siġra li jkunu morda jew imħassra, jew biex jiġi kontrollat l-għoli jew il-ftuħ laterali, jew biex tiżdied il-produzzjoni tal-fjur jew tal-frott;

"żona għall-ħarsien tas-siġar" tfisser kwalunkwe sit ippubblikat fil-Gazzetta skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 6;

Kap. 549.
Kap. 552.

"żoni protetti" tfisser kwalunkwe żona protetta taħt l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent jew skedata għal skopijiet ekoloġiċi u xjentifiċi taħt l-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, inklużi żoni għall-ħarsien tas-siġar, jew taħt l-Att;

Kap. 552.

"żvilupp" għandu jkollha l-istess tifsira bħal dik mogħtija fl-artikolu 2 tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp.

Amministrazzjoni ta' dawn ir-regolamenti.

**3.** L-awtorità kompetenti għandha tkun responsabbli għall-amministrazzjoni, implimentazzjoni u infurzar ta' dawn ir-regolamenti.

TAQSIMA II: ĦARSIEN TA’ SIĠAR U MSAĠAR

Dikjarazzjoni ta’ speċi protetti. L.S .445.02. L.S. 10.22. Kap. 552.

**4.** Mingħajr preġudizzju għal regolamenti ambjentali relatati, u għad-dispożizzjonijiet tal-Ordni dwar Lista ta’ Siġar Storiċi li għandhom Importanza Antikwarja, tar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni ta’ Siġar Koniferi, u ordnijiet għall-preservazzjoni ta’ siġar maħruġin bis-saħħa tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, b’dan qiegħed jiġi dikjarat li:

(*a*) l-ispeċi ta’ siġar elenkati fl-Iskeda huma protetti skont it-termini u l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Iskeda imsemmija;

(*b*) siġar elenkati fl-Iskeda II huma protetti skont it-termini u l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Iskeda II imsemmija; u

(*ċ*) is-siġar kollha li jinsabu f’żoni għall-ħarsien tas-siġar jew f’żoni protetti oħra huma protetti, ħlief dawk is-siġar elenkati fl-Iskeda III.

Kriterji li bihom jintgħażlu siti importanti.

**5.** L-awtorità kompetenti għandha tħejji u meta jkun xieraq taġġorna lista ta’ siti importanti li:

(*a*) ikun fihom komunitajiet ta’ msaġar Maltin rappreżentattivi; jew

(*b*) ikun fihom komunitajiet ta’ msaġar u foresti li huma f’periklu li jintilfu fiż-żoni ta’ distribuzzjoni naturali tagħhom; jew

(*ċ*) ikun fihom komunitajiet ta’ msaġar u foresti li ż-żona ta’ distribuzzjoni naturali tagħhom tkun naqset b’konsegwenza naturali jew minħabba f’rigressjoni kaġunata bl-intervent tal-bniedem jew għax iż-żona tkun minnha nnifisha waħda ristretta; jew

(*d*) ikun fihom ambjenti ta’ msaġar li jkunu kritiċi għall-għajxien, riproduzzjoni u rkupru ta’ speċi ta’ flora jew fawna li jinsabu f’periklu, mhedda jew endemiċi; jew

(*e*) ikun fihom xi siġra waħda jew grupp speċifikat ta’ siġar jew masġar ta’ interess estetiku, storiku, kulturali, arborikulturali, xjentifiku, edukattiv jew għall-pajsaġġ; jew

(*f*) ikun fihom siġar li fl-opinjoni tal-awtorità kompetenti huma għeliem prominenti ta’ relevanza partikolari għall-karatteristika tas-sit; jew

(*g*) ikun fihom speċi ta’ siġar rari, mhedda jew li jinsabu f’periklu b’distribuzzjoni ristretta f’Malta; jew

(*h*) ikunu komunitajiet ta’ msaġar u foresti ta’ importanza partikolari minħabba fl-interess xjentifiku, ekoloġiku, ta’ biodiversità, bioġeografiku, kulturali jew għall-pajsaġġ jew edukattiv tagħhom; jew

(*i*) ikun fihom siġar storiċi li għandhom importanza antikwarja elenkati fl-Ordni dwar Lista ta’ Siġar Storiċi li għandhom Importanza Antikwarja; jew L.S. 445.02

(*j*) ikun fihom kollezzjoni ħajja *ex situ* ta’ siġar rari,

mhedda jew li jinsabu f'periklu; jew

(*k*) fl-opinjoni tal-awtorità kompetenti jkun fihom karatteristiċi relevanti oħra għall-ħarsien li m'humiex msemmija hawn aktar qabel.

Identifikazzjoni ta' żoni għall-ħarsien tas-siġar.

**6.** (1) Ġaladarbà sit ikun magħżul mill-awtorità kompetenti skont il-kriterji stabbiliti fir-regolament 5, l-awtorità kompetenti għandha tinnomina dak is-sit bħala żona għall-ħarsien tas-siġar.

Dikjarazzjoni ta' żoni għall-ħarsien tas-siġar.

(2) L-awtorità kompetenti għandha tippubblika d-dettalji ta' dak is-sit jew siti, bil-konfini tagħhom immarkati, fil-Gazzetta.

Kap. 552.
Kap. 549.

(3) Kull żona għall-ħarsien tas-siġar hekk nominata għandha titqies bħala żona mħarsa skont l-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp jew l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, u għandha tkun soġġetta għal dawn ir-regolamenti.

(4) Kull sit protett bħala żona għall-ħarsien tas-siġar għandu jibqa' mħares minkejja kull ċirkostanza intiża jew aċċidentali, li biha:

(*a*) kull siġra li tinsab f'dik iż-żona protetta hi, kollha jew parti minnha, meqruda jew tmut; jew

(*b*) is-sit iġarrab xi impatt ieħor.

Integrazzjoni fin-*Network* Ekoloġiku Nazzjonali.
L.S. 549.44

(5) Kull żona għall-ħarsien tas-siġar iddikjarata taħt dawn ir-regolamenti għandha ukoll tifforma parti integrali min-*Network* Ekoloġiku Nazzjonali stabbilit bir-regolament 5(1) tar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali, u tkun soġġetta għad-dispożizzjonijiet l-oħra tar-regolament 5 tal-istess regolamenti.

Elenku reġistrat.

**7.** Żoni għall-ħarsien tas-siġar identifikati u mħarsa konformement mad-dispożizzjonijiet tar-regolament 6 għandhom jiġu reġistrati f'elenku miżmum għal dak il-għan, u fir-reġistru pubbliku. L-elenku msemmi għandu jinżamm f'forma elettronika b'tali manjiera li tkun tista' ssir riċerka sabiex jiġi stabbilit l-istatus ta' sit.

## TAQSIMA III: SPEĊI TA' SIĠAR LI JKUNU QEGĦDIN JIKKAĠUNAW ĦSARA LILL-BIODIVERSITÀ JEW LILL-AMBJENT NATURALI B'MOD ĠENERALI

Lista ta' speċi ta' siġar li jikkaġunaw ħsara lill-biodiversità.

**8.** (1) Is-siġar elenkati fl-Iskeda III huma meqjusa bħala speċi li jikkaġunaw ħsara lid-diversità bioloġika ta' siġar jew imsaġar f'Malta, jew lill-ambjent naturali b'mod ġenerali.

(2) L-ebda persuna m'għandha tnissel, tiżra, tħawwel, timporta, tesporta, tittrasporta, tbiegħ jew tpartat kwalunkwe speċi elenkata fl-Iskeda III, sakemm ma tkunx awtorizzata kif imiss konformement mad-dispożizzjonijiet tat-Taqsima VI.

Miżuri ta' titjib.

**9.**(1) (*a*) L-awtorità kompetenti tista', f'dak iż-żmien determinat minnha, tordna lil xi persuna responsabbli mill-art fejn tkun tinsab xi siġra msemmija fl-Iskeda III sabiex tneħħi, taqla', toqtol jew teqred xi siġra bħal dik, fejn dik it-tneħħija, fl-opinjoni tal-awtorità kompetenti, tkun tikkostitwixxi titjib għall-ambjent.

(*b*) L-awtorita’ kompetenti tista’ toħroġ metodu tat-twettiq biex jiġi żgurat li dik l-ordni tkun eżegwita bl-anqas ħsara lill-biodiversità.

(2) Jekk xi persuna msemmija fid-dispożizzjoni preċedenti tonqos milli tħares dik l-ordni, l-awtorità kompetenti tista’ tneħħi, taqla’, toqtol jew teqred dik is-siġra bi spejjeż tal-persuna msemijja.

(3) Jekk il-persuna responsabbli mill-art fejn tinsab dik is-siġra ma tkunx magħrufa, l-awtorità kompetenti tista’ tippublika ordni bħal dik fil-Gazzetta u tneħħi dik is-siġra bi spejjeż tagħha wara disgħin ġurnata mill-pubblikazzjoni tal-ordni.

Twaqqif tal-importazzjoni ta’ siġar.

**10.** L-awtorità kompetenti tista’ twaqqaf it-trasport u l-importazzjoni ta’ siġar li fl-opinjoni tagħha jistgħu jipperikolaw id-diversità bioloġika ta’ siġar u msaġar f’Malta, jew li b’xi mod ikunu ta’ detriment għall-ambjent, jew għal xi raġuni oħra fl-interess nazzjonali.

TAQSIMA IV: REGOLAMENT TA’ ATTIVITAJIET

Ħarsien tal-biodiversità.

**11.** Ebda persuna ma għandha twettaq azzjoni jew tipprova twettaq kwalunkwe azzjoni li, fl-opinjoni tal-awtorità kompetenti, tista’ tkun ta’ ħsara għal kull siġra elenkata fl-Iskedi I u II, u, jew għad-diversità bioloġika ta’ xi siġra jew komunitajiet ta’ msaġar mħarsa f’żona għall-ħarsien tas-siġar jew f’kull żona protetta oħra, ħlief għal siġar ta’ speċi elenkati fl-Iskeda III.

Attivitajiet projbiti.

**12.** Ebda persuna ma għandha twaqqa’ jew tipprova twaqqa’, taqta’ jew tipprova taqta’, tneħħi jew tipprova tneħħi l-qoxra taz-zokk tas-siġra jew weraq tagħha, taqla’ jew tipprova taqla’, tneħħi jew tipprova tneħħi injam, twaħħal jew tipprova twaħħal xi ħaġa ma’, jew b’xi mod teqred jew tipprova teqred, tagħmel ħsara jew tipprova tagħmel ħsara lil xi siġra jew lil xi parti minnha li hija elenkata fl-Iskeda I jew fl-Iskeda II jew xi siġra jew parti minnha li tkun tinsab f’żona għall-ħarsien tas-siġar jew f’xi żona protetta oħra, ħlief għal siġar ta’ speċi elenkati fl-Iskeda III, ħlief bil-permess tal-awtorità kompetenti:

Iżda t-tqaċċit ta’ weraq ma japplikax għal siġar li huma elenkati fl-Iskeda II.

Meta ma japplikax ir-regolament 12.

**13.** Id-dispożizzjonijiet ta’ regolament 12 m’għandhomx japplikaw fir-rigward ta’:

(*a*) żbir ta’ siġar imkabbra b’mod ortikulturali elenkati fl-Iskeda I jew fl-Iskeda II, inklużi siġar imkabbra b’mod ortikulturali li jinsabu f’żona għall-ħarsien tas-siġar jew f’xi żona protetta oħra, għar-raġuni speċifika biex jevitaw aktar ħsara lil xi siġra li tkun diġà jkollha l-ħsara u biex titjieb s-saħħa ġenerali tagħha;

(*b*) żbir ta’ siġar imkabbra b’mod ortikulturali elenkati fl-Iskeda II, inklużi siġar imkabbra b’mod ortikulturali li jinsabu f’żona għall-ħarsien tas-siġar jew f’xi żona protetta oħra, biex tikkontrolla t-tkabbir għar-raġunijiet speċifiċi ta’ ippreservar tas-saħħa tagħha, tittejjeb is-saħħa ġenerali tagħha, tittejjeb il-

produttività tal-frott jew biex tiġi evitata kull ħsara lil persuni jew xi ħsara lill-proprjetà;

(*ċ*) żbir ta' siġar imkabbra b'mod ortikulturali elenkati fl-Iskeda I jew fl-Iskeda II, jew xi siġra mkabbra b'mod ortikulturali li jinsabu f'żona għall-ħarsien tas-siġar jew f'xi żona protetta oħra, biex tikkontrolla t-tkabbir għar-raġuni speċifika li tiġi evitata l-introduzzjoni probabbli ta' ġrieden jew organiżmi li jagħmlu ħsara f'xi proprjetà:

Iżda fergħa ewlenija, fergħa sekondarja jew fergħa ġdida li għadha kemm spuntat li tkun ser tinżabar għandha tkun tinsab f'distanza ta' tliet metri mill-ħitan tal-bini li jeħtieġ protezzjoni mill-introduzzjoni tal-ġrieden u organiżmi li jgħamlu ħsara imsemmija;

(*d*) tneħħija u qlugħ ta' xi ort ta' siġar taż-żebbuġ jew tal-ħarrub imħawwla wara l-aħħar ġurnata ta' Diċembru 1998 f'ODZ għall-ħsad jew użu agrikolu ieħor. Din teskludi dawk li jinsabu f'żoni għall-ħarsien tas-siġar u xi siġar taż-żebbuġ jew tal-ħarrub li għandhom aktar minn ħamsin sena, kif ukoll siġar li ġew imħawla għal skopijiet ta' *landscaping* kif mitlub minn permess ta' żvilupp;

(*e*) Il-qtugħ, twaqqiegħ, kura u, jew qirda ta' xi siġra li tkun infestata b'organiżmi li jikkawżaw ħsara jew bi ġrieden ta' kwarantina, u mard elenkat fl-Annessi I u II mar-Regolamenti dwar il-Kwarantina tax-Xitel, wara konsultazzjoni xierqa mad-direttur responsabbli għas-saħħa tax-xitel:

L.S. 433.03

Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għar-regolament 11 u għal kull liġi jew regolament, dispożizzjoni, ftehim, pjan ta' tmexxija, pjan ta' immaniġġjar, ordni, permess jew liċenza jew xi kondizzjoni jew kunsens mogħti bis-saħħa ta' xi liġi oħra jew regolament ieħor.

Materjal li jagħmel ħsara.

**14.** (1) Ebda persuna m'għandha tarmi jew tipprova tarmi, titfa' jew tipprova titfa', tferra' jew tipprova tferra', tħalli jaqa' jew tħalli jasal jew tipprova tħalli jaqa' jew tħalli jasal bioċidi, defoljant, fertilizzant, aċtu, alkali jew xi materjal korrożiv, karburanti jew xi kombustibbli ieħor jew materjal splussiv, ilma salmastru, kimiċi jew xi sustanza oħra qrib xi siġra elenkata fl-Iskeda I jew fl-Iskeda II jew qrib xi siġra li tkun tinsab f'żona għall-ħarsien tas-siġar jew xi żona protetta, li jista' jikkaġuna ħsara lil siġra bħal dik, għajr għal ilma frisk mhux kontaminat għal skopijiet ta' tisqija u sustanzi għall-kura tas-siġar u tal-għelieqi maħduma:

Iżda f'żoni għall-ħarsien tas-siġar, jew fejn ikun b'mod simili ġustifikat għal għanijiet ta' konservazzjoni, l-awtorità kompetenti tista' tipprojbixxi t-tisqija jew kura jekk din tkun f'konflitt mal-istat ta' konservazzjoni tas-siġar inkwistjoni jew mal-biodiversità taż-żona.

(2) L-awtorità kompetenti tista' tawtorizza l-użu ta' sustanzi

projbiti fis-subregolament (1) jew ta' xi kura oħra għall-qirda ta' ħaxix ħażin jew interventi kirurġiċi li jistgħu fl-opinjoni tagħha jkunu meħtieġa.

Materjal splussiv jew kombustibbli.

**15.** Ebda persuna ma tista' tqiegħed, tipprova tqiegħed, jew tħalli li jitqiegħed xi tajer, lastku, *polystyrene*, karti, jew xi kombustibli jew materjal ieħor li jaqbad jew jisplodi, qrib xi siġra elenkata fl-Iskeda I jew fl-Iskeda II jew qrib xi siġra li tinsab f'żona għall-ħarsien tas-siġar jew f'xi żona protetta.

Rdim u tfigħ ta' materjal.

**16.** Ebda persuna ma tista' tordom fl-art jew tipprova tordom fl-art, tarmi jew tipprova tarmi, jew tpoġġi jew tipprova tpoġġi xi ħamrija, demel, skart, żibel, ġebel, terrapien, metall tal-iskrapp jew xi skart qrib xi siġra elenkata fl-Iskeda I jew fl-Iskeda II jew qrib xi siġra li tinsab f'żona għall-ħarsien tas-siġar jew f'xi żona protetta, ħlief għall-ħamrija jew substrat għall-kura ta' għelieqi maħduma, sakemm il-kwantitajiet ta' dawk is-sustanzi ma jkunux ta' detriment għas-siġar imħarsa bis-saħħa ta' dawn ir-regolamenti.

Nar.

**17.** (1) Kwalunkwe persuna li tqabbad jew tipprova tqabbad xi nar qrib xi siġra elenkata fl-Iskeda I jew fl-Iskeda II, jew qrib xi siġra li tinsab f'żona protetta li mhux żona għall-ħarsien tas-siġar, b'hekk tikkaġuna ħsara bħala riżultat ta' użu imprudenti jew negliġenti ta' rekwiżiti għat-tipjip, sigaretti jew tabakk, logħob tan-nar jew materjal kombustibli ieħor, jew tonqos li tieħu prekawzjonijiet adegwati f'dan ir-rigward, tkun ħatja ta' reat.

(2) Ebda persuna ma għandha tqabbad jew tipprova tqabbad xi nar f'żona għall-ħarsien tas-siġar:

(*a*) għal skopijiet ta' divertiment, inkluż u mhux limitat għal ħġejjeġ, barbikjus, nirien ħdejn kampijiet u logħob tan-nar;

(*b*) li jista' jikkaġuna ħsara bħala riżultat ta' użu imprudenti jew negliġenti ta' rekwiżiti għat-tipjip, sigaretti jew tabakk, logħob tan-nar jew materjal kombustibli ieħor, jew li jonqos li jieħu prekawzjonijiet adegwati f'dan irrigward.

(3) Id-dispożizzjonijiet ta' dan r-regolament ma japplikawx għal:

(*a*) xi persuna li tqabbad ħuġġieġa li tista' tiġi kkontrollata, jew

(*b*) nar li jkun direttament konness ma' jew meħtieġ għall-immaniġġjar taż-żona għall-ħarsien tas-siġar jew żona protetta oħra inkwistjoni, bl-approvazzjoni mogħtija minn qabel mill-awtorità kompetenti; jew

(*ċ*) xi nar ikkontrollat ġol-konfini ta' abitazzjoni privata:

Iżda f'kull każ, il-persuna xorta għandha tibqa' responsabbli għal kull ħsara diretta, indiretta jew konsegwenzjali, li ssir lil xi siġra elenkata fl-Iskeda I jew fl-Iskeda II, jew lil xi siġra li tinsab f'żona għall-ħarsien tas-siġar jew f'xi żona protetta oħra. L-awtorità kompetenti tista' ukoll tieħu azzjoni bis-saħħa ta' dawn ir-regolamenti jekk il-persuna tonqos milli żżomm in-nar taħt kontroll bħala riżultat ta' negliġenza jew azzjoni malizjuża.

Ragħa.

**18.** (1) Ebda persuna ma għandha tħalli jew tipprova tħalli annimali jikkaġunaw ħsara waqt li ikunu qegħdin jirgħu lil xi siġra elenkata fl-Iskeda I jew fl-Iskeda II.

(2) Ebda persuna ma għandha tħalli jew tipprova tħalli annimali jirgħu f'xi żona għall-ħarsien tas-siġar jew f'żoni protetti oħra.

(3) Is-sid ta' xi annimal li jikkaġuna ħsara bħal dik jista' jiġi ordnat iħallas kumpens għall-ħsara hekk kaġunata skont kif il-Qorti tista' tiddeċiedi. Jekk l-annimal ikun jappartjeni għal aktar minn sid wieħed, is-sidien kollha jistgħu jiġu ordnati biex solidalment iħallsu kumpens għall-ħsara kaġunata minn dak l-annimal.

## TAQSIMA V: DISPOŻIZZJONIJIET SUPPLIMENTARI FUQ PERMESSI RELATATI

Dispożizzjonijiet supplimentari relatati ma' applikazzjonijiet għal permessi ta' żvilupp.

**19.** (1) Kull fejn żvilupp, sew jekk waħdu jew flimkien ma' pjanijiet jew proġetti oħra, x'aktarx li jkollu effett avvers fuq siġar elenkati fl-Iskeda I jew fl-Iskeda II, l-awtorità kompetenti tista':

(*a*) tirrifjuta l-applikazzjoni; jew

(*b*) timponi kondizzjonijiet xierqa fil-permess; jew

(*ċ*) titlob emendi fi, jew rilokazzjoni ta', l-iżvilupp propost; jew

(*d*) tadotta għadd ta' miżuri preċedenti kif ikun xieraq fil-kuntest ta' dawn ir-regolamenti.

(2) Kull fejn żvilupp, sew jekk waħdu jew flimkien ma' pjanijiet jew proġetti oħra, x'aktarx li jkollu effett avvers fuq xi żona għall-ħarsien tas-siġar jew f'żoni protetti oħrajn, l-awtorità kompetenti tista':

(*a*) tirrifjuta l-applikazzjoni; jew

(*b*) timponi kondizzjonijiet fil-permess jew limitazjonijiet fil-permess xierqa; jew

(*ċ*) tirrikjedi evalwazzjoni xierqa tal-impatti; jew

(*d*) tadotta għadd ta' miżuri msemmija skont kif ikun xieraq fil-kuntest ta' dawn ir-regolamenti.

(3) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artiklu għandhom japplikaw kemm għal applikazzjonijiet għall-permess ta' żvilupp *outline* kif ukoll għal permess ta' żvilupp *full*, u għandhom ukoll japplikaw meta tkun qegħda tiġi stabbilita konsiderazzjoni mill-ġdid jew appell skont id-dispożizzjonijiet tal-Att.

(4) Żvilupp li x'aktarx ikollu effett avvers fuq xi siġra elenkata fl-Iskeda I jew fl-Iskeda II jew f'xi żona għall-ħarsien tas-siġar jew f'żoni protetti oħra, m'għandux ikun permess b'ordni ta' żvilupp skont l-artikolu 55 tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, jew b'xi applikazzjoni għal modifiki minuri f'permess ta' żvilupp li jkun eżistenti.

Kap. 552.

Kap. 552.

(5) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 80 tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp għandhom japplikaw f'każ li xi siġra protetta b'dawn ir-regolamenti tkun affetwata b'mod sinifikanti u negattiv bil-ħruġ ta' permess ta' żvilupp abbażi ta' informazzjoni mhux korretta,

mhux kompleta, qarrieqa jew informazzjoni falza fl-applikazzjoni għal permess relevanti. F'każ bħal dak, kull permess relatat maħruġ bis-saħħa ta' dawn ir-regolamenti għandu jkun ukoll null u bla effett.

## TAQSIMA VI: PERMESSI BIS-SAĦĦA TA' DAWN IR-REGOLAMENTI

**20.** Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, l-awtorità kompetenti tista' toħroġ permess qabel ma jitwettqu xi attivitajiet regolati b'dawn ir-regolamenti: Permessi.

Iżda l-awtorità kompetenti m'għandhiex toħroġ permess bħal dak jekk, wara li tikkonsidra l-attività proposta, tkun tal-opinjoni li dik l-attività mhix ġustifikata jew li l-impatt negattiv tal-attività jgħelbu xi benefiċċji possibli.

**21.** Mingħajr preġudizzju għal regolamenti ambjentali relatati, ebda permess maħruġ bis-saħħa ta' dawn ir-regolamenti m'għandu jippermetti interventi li: Interventi mhux permessi.

(*a*) jkunu diġà proposti f'applikazzjoni għal permess, notifikazzjoni, awtorizzazzjoni jew liċenza magħmula bis-saħħa tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent jew l-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, li jkunu għadhom qegħdin jiġu proċessati, emendati, rikonsidrati jew appellati skont xi Att imsemmi hawn aktar qabel; Kap. 549. Kap. 552.

(*b*) jistgħu jippreġudikaw il-merti ta' dak l-ipproċessar, emendi, rikonsiderazzjoni jew appell;

(*ċ*) jistgħu jippreġudikaw il-merti ta' talba għal xi awtorizzazzjoni jew liċenza meħtieġa għall-Atti msemmija hawn aktar qabel, jew jistgħu jippreġudikaw il-merti ta' xi appell minn xi deċiżjoni dwarhom; jew

(*d*) jistgħu jippreġudikaw xi każ ta' infurzar, każ fil-qorti jew każijiet oħra li jkunu qegħdin *sub judice*.

**22.** (1) Il-persuna li tkun qegħda titlob permess għall-attivitajiet imsemmija fir-regolament 21, hawn aktar 'il quddiem imsejħa l-applikant, għandha tippreżenta applikazzjoni bil-miktub lill-awtorità kompetenti qabel ma twettaq tali attivitajiet. Għandha ssir applikazzjoni bil-miktub.

(2) Sabiex tippermetti lill-awtorità kompetenti biex tkun tista' tevalwa talba għal permess b'mod adegwat, l-applikazzjoni għandha:

(*a*) jkollha d-dokumenti relevanti u kull informazzjoni rekwiżita oħra kif speċifikat u mitlub mill-awtorità kompetenti;

(*b*) għandha tindika jekk l-applikazzjoni taqax taħt xi wieħed mill-kriterji tar-regolament 21(*a*) sa (*d*); u

(*ċ*) tintbgħat fil-mod kif preskritt mill-awtorità kompetenti.

**23.** (1) Kull meta l-awtorità kompetenti toħroġ permess, hija għandha timponi dawk il-kondizzjonijiet li tqis li huma xierqa. Kondizzjonijiet li jkunu japplikaw.

(2) Il-perjodu ta' validità ta' permess bħal dak għandu jiġi wkoll stabbilit għad-diskrezzjoni tal-awtorità kompetenti, u għandu jiġi indikat b'mod ċar fil-permess.

(3) Kull meta l-awtorità kompetenti tirrifjuta permess bħal dak, hija għandha tinforma lill-applikant bir-raġunijiet għal dak ir-rifjut.

(4) L-awtorità kompetenti tista' temenda, tissospendi jew tirrevoka kull permess jew awtorizzazjoni oħra għal attivitajiet li huma relatati ma' dawn ir-regolamenti, filwaqt li tagħti raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha.

(5) Permess maħruġ bis-saħħa ta' dawn ir-regolamenti għandu jkun null u bla effett fl-każ li xi siġra mħarsa bis-saħħa ta' dawn ir-regolamenti tkun affetwata b'mod sinifikattiv u negattiv minħabba f'xi permess maħruġ abbażi ta' informazzjoni inkorretta, mhux kompleta, qarrieqa jew falza kontenuta fl-applikazzjoni relevanti għall-permess.

(6) L-awtorità kompetenti m'għandhiex toħroġ jew iġġedded xi permess jekk l-applikant inkwistjoni jkun kiser xi terminu, patt, kondizzjoni, obbligu jew limitazzjoni ta':

(*a*) xi permess ieħor maħruġ mill-awtorità kompetenti bis-saħħa ta' dawn ir-regolamenti;

(*b*) xi permess ieħor maħruġ mill-awtorità kompetenti relatat mas-sit li għalih kien maħruġ il-permess, kemm jekk bis-saħħa ta' dawn ir-regolamenti jew xort'oħra; jew

(*ċ*) xi permess ieħor maħruġ bis-saħħa ta' regolamenti ambjentali relatati.

Miżuri ta' kumpens dwar it-tħawwil.

**24.** L-awtorità kompetenti għandha tapplika miżuri ta' kumpens dwar it-tħawwil għall-permess ta' qlugħ ta' siġar elenkati fl-Iskeda I jew fl-Iskeda II, jew ta' xi siġra li tinsab f'żona għall-ħarsien tas-siġar jew f'xi żona protetta oħra.

Permessi li jikkonċernaw studji xjentifiki jew edukattivi *bona fide*.

**25.** (1) F'permessi li jikkonċernaw studji xjentifiki jew edukattivi *bona fide*, u mingħajr preġudizzju għall-obbligi u kondizzjonijiet oħra imposti mill-awtorità kompetenti, id-detentur ta' permess huwa obbligat li fi żmien xahar mid-data tal-iskadenza tal-permess jissottometti:

(*a*) rapport dettaljat tal-attivitajiet li jkunu saru;

(*b*) l-għan u liema qasam ta' xogħol jew x'attività tkun twettqet;

(*ċ*) il-metodoloġija użata;

(*d*) l-eżitu u r-riżultati miksuba f'konnesjoni mal-permess; u

(*e*) xi dettalji oħra hekk kif jistgħu jkunu mitluba mill-awtorità kompetenti fil-permess.

(2) Kopja ta' xi riżultati li jkunu pubblikati u ta' publikazzjonijiet oħra rilevanti għal dan il-permess għandhom jaslu għand l-awtorità kompetenti fi żmien tliet xhur mid-data tal-pubblikazzjoni.

**26.** Id-Direttur jista', f'isem l-awtorità kompetenti, f'każi ta' emerġenza jew periklu gravi, joħroġ permess temporanju għat-twettiq ta' xi attività regolati b'dawn ir-regolamenti, u, meta jagħmel dan, huwa jista' jagħti kull direttiva u deċiżjoni li jidhirlu xieraq. Permessi li jinħarġu b'urġenza.

**27.** Dettalji ta' persuni, entitajiet pubbliċi u istituzzjonijiet oħra li jkun inħarġilhom xi permess relatat ma' dawn ir-regolamenti flimkien mad-dettalji tal-kondizzjonijiet imposti f'dak il-permess għandhom jiġu reġistrati f'reġistru elettroniku li jkun aċċessibbli għall-ispezzjoni pubblika. Reġistru pubbliku.

**28.** Waqt it-twettiq ta' xi attività jew xogħol permess, kopja tal-permess għandha tkun fil-pussess ta' xi persuna li tkun fuq is-sit waqt tali attività jew xogħol. Dan il-permess għandu jkun disponibbli għal xi uffiċjal tal-awtorità kompetenti u għal xi uffiċjal tal-infurzar awtorizzat, inkluż uffiċjal tal-Pulizija jew tal-Forzi Armati, gwardjani lokali u spetturi tal-ambjent debitament awtorizzati, meta dan jiġi mitlub. Persuna li tkun fuq is-sit għandu jkollha fuqha kopja tal-permess.

TAQSIMA VII: PENALI

**29.** (1) Kull persuna li - Pieni.

(*a*) tonqos li tosserva xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti, jew xi ordni oħra leġittimament mogħtija skont xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti, jew

(*b*) tikser xi restrizzjoni, projbizzjoni, jew ħtieġa imposta minn jew bis-saħħa ta' dawn ir-regolamenti, jew

(*ċ*) taġixxi b'kontravenzjoni ta' xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regoamenti, jew

(*d*) tiftiehem jew tipprova tiftiehem, tgħin jew tipprova tgħin, tħajjar jew tipprova tħajjar, tagħti parir jew tipprova tagħti parir, tqabbad jew tipprova tqabbad lil xi persuna oħra biex tikser id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, jew biex tonqos milli tikkonforma ma' xi dispożizzjoni minnhom, inkluż kull ordni leġittimament mogħtija bis-saħħa ta' xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti, jew biex tikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew ħtieġa imposti minn jew bis-saħħa ta' dawn ir-regolamenti,

tkun ħatja ta' reat kontra dawn ir-regolamenti.

(2) Kull persuna li tagħmel, jew tipprova tagħmel reat kontra dawn ir-regolamenti għandha teħel, meta tinsab ħatja:

(*a*) tal-ewwel reat dwar siġar elenkati fl-Iskeda I jew siġar li jinsabu f'żona għall-ħarsien tas-siġar jew f'żoni protetti oħra ħlief għal dawk l-ispeċi elenkati fl-Iskeda III, multa ta' mhux anqas minn ħames mitt euro (€500) iżda mhux iżjed minn elfejn u ħames mitt euro (€2,500) għal kull siġra taħt l-età ta' għaxar snin, ħlief għall-ewwel reat f'konnessjoni mar-regolament 18, u miżuri ta' tħawwil kumpensatorju bħala dejn ċivili;

(*b*) tal-ewwel reat dwar siġar elenkati fl-Iskeda I jew siġar li jinsabu f'żona għall-ħarsien tas-siġar jew f'żoni

proetti oħra ħlief għal dawk l-ispeċi elenkati fl-Iskeda III, multa ta' mhux anqas minn elf u mitejn u ħamsin euro (€1,250) iżda mhux iżjed minn ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000) għal kull siġra ta' età ta' aktar minn għaxar snin, ħlief għall-ewwel reat f'konnessjoni mar-regolament 18, u miżuri ta' tħawwil kumpensatorju bħala dejn ċivili;

(*ċ*) tal-ewwel reat dwar siġar elenkati fl-Iskeda II, multa ta' mhux anqas minn mitejn u ħamsin euro (€250) iżda mhux iżjed minn elfejn u ħames mitt euro (€2,500) għal kull siġra taħt l-età ta' għaxar snin, ħlief għall-ewwel reat f'konnessjoni mar-regolament 18, u miżuri ta' tħawwil kumpensatorju bħala dejn ċivili;

(*d*) tal-ewwel reat dwar siġar elenkati fl-Iskeda II, multa ta' mhux anqas minn tliet mija u ħamsin euro (€350) iżda mhux iżjed minn ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000) għal kull siġra ta' età ta' aktar minn għaxar snin, ħlief għall-ewwel reat f'konnessjoni mar-regolament 18, u miżuri ta' tħawwil kumpensatorju bħala dejn ċivili;

(*e*) tal-ewwel reat dwar ir-regolament 8 jew ir-regolament 10, multa ta' mhux anqas minn ħamsin euro (€50) iżda mhux iżjed minn ħames mitt euro (€500) għal kull siġra;

(*f*) tal-ewwel reat dwar ir-regolament 18, multa ta' mhux anqas minn ħamsin euro (€50) iżda mhux iżjed minn ħames mitt euro (€500) għal kull siġra;

(*g*) tat-tieni reat jew għal kull reat ieħor sussegwenti, multa ta' mhux anqas minn elf u mitejn u ħamsin euro (€1,250) iżda mhux iżjed minn ħamsin elf euro (€50,000) għal kull siġra, jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Spejjeż għar-rimedju u għall-mitigazzjoni.

(3) Kull persuna li tinsab ħatja ta' reat kontra dawn ir-regolamenti għandha, minbarra l-miżuri ta' tħawwil kompensatorju bħala dejn ċivili, ukoll tħallas:

(*a*) l-ispejjeż kollha mġarba biex tiġi rimedjata għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti l-ħsara kaġunata minn dak il-ksur lis-sit, jew lill-istat ta' konservazzjoni tal-ispeċi tas-siġra, jew lit-tnejn, skont il-każ;

(*b*) kull spiża oħra mġarba jew miżuri ta' mitigazzjoni meħtieġa bħala rimedju għal dak li jkun sar, ħsara u ksur, jew biex tikkontrolla jew tipprevjeni li jinfirex aktar l-impatt; u

(*ċ*) il-valur monetarju likwidat ta' xi telfa irreparabbli jew ħsara lill-ambjent, diversità bioloġika, pajsaġġ, wirt naturali jew wirt kulturali, hekk kif ikun relevanti għal dawn ir-regolamenti.

Kawżi ta' dannu.

(4) Il-Qorti għandha tordna lill-persuna misjuba ħatja tar-reat

biex tneħħi l-kaġun li ikun qed jagħmel l-offiża u tneħħi dak kollu li jkun sar mingħajr permess fi żmien suffiċjenti għal dan il-għan, iżda f'kull każ ma jaqbiżx tliet xhur mid-data tas-sentenza, skont kif jiġi stabbilit mill-Qorti; u, jekk il-persuna misjuba ħatja tar-reat tonqos milli tikkonforma ma' tali ordni fiż-żmien mogħti lilha, għandha teħel multa ta' mhux anqas minn ħamsin euro (€50) iżda mhux aktar minn mija u ħamsin euro (€150), kif il-Qorti tista' tistabilixxi, għal kull ġurnata li n-nuqqas ikompli wara l-iskadenza taż-żmien imsemmi.

(5) Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 23 u 30(1) tal-Kodiċi Kriminali għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal proċedimenti rigward reati kontra dawn ir-regolamenti, b'dan illi l-iskwalifika milli wieħed ikollu jew jikseb liċenza, permess, *clearance* jew awtorità ma għandhom f'ebda każ ikunu għal inqas minn sena. Kap. 9.

(6) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 370 tal-Kodiċi Kriminali, il-proċedimenti dwar reat li jikser dawn ir-regolamenti, huma ta' kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skond il-każ, u għandhom isiru skond id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali li jirregolaw il-proċedura quddiem dawk il-qrati ta' ġudikatura kriminali. Kap. 9.

(7) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali, l-Avukat Ġenerali jkollu dejjem id-dritt li jagħmel appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali minn kull deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) dwar proċedimenti rigward reati bi ksur ta' dawn ir-regolamenti. Kap. 9.

SKEDA I

SIĠAR IMĦARSA STRETTAMENT

Is-siġar li ġejjin huma b'hekk mħarsa fil-lokalitajiet kollha ta' Malta:

(*a*) Siġar ta' importanza antikwarja kif elenkati fl-Ordni dwar Lista ta' Siġar ta' Importanza Antikwarja;

(*b*) Siġar imħarsa b'ordnijiet għall-ħarsien tas-siġar maħruġa bis-saħħa tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp u l-Att; u

(*ċ*) Siġar li jappartjenu lill-ispeċi elenkati fit-tabella li ġejja:

| **Isem xjentifiku** | **Isem Malti** | **Isem Ingliż** |
|---|---|---|
| *Anagyris foetida* | Fula tal-Klieb | Bean Trefoil Tree |
| *Celtis australis* | Bagular | Nettle Tree |
| *Ephedra fragilis* | Efedra | Shrubby Horsetail; Joint Pine |
| *Fraxinus angustifolia* | Fraxxnu; Siġra tal-Paċenzja | Narrow-Leaved Ash |
| *Lycium europaeum* | Għawseġ | Mediterranean Tea-Tree; Mediterranean Boxthorn |
| *Lycium intricatum* | Għawseġ | Southern Tea-Tree; Southern Boxthorn |
| *Mespilus germanica* | Omm il-Epp; Fomm il-Lipp; Naspli Tedeski | Medlar |
| *Paliurus spina-christi* | Xewk tal-Kuruna ta' Kristu | Christ's Thorn |
| *Phillyrea latifolia* | Olivastru | Mock Privet; Jasmine Box |
| *Phillyrea media* | Olivastru | Mock Privet; Jasmine Box |
| *Pistacia x saportae* | Deru Bagħal | Hybrid Mastic Tree |
| *Pistacia terebinthus* | Skornabekk; Terebintu; Siġar tat-Trementina | Terebinth; Turpentine Tree |
| *Prunus spinosa* | Prajn tax-Xewk | Sloe; Blackthorn |
| *Pyrus amygdaliformis* | Lanġas Selvaġġ | Almond-Leaved Pear |
| *Pyrus pyraster* | Lanġas Bagħal; Lanġas Selvaġġ | Wild Pear |
| *Pyrus syriaca* | Lanġas Selvaġġ | Syrian Pear |
| *Rhamnus oleoides* | Żiju | Lesser Buckthorn; Olive-Leaved Buckthorn |
| *Rhus coriaria* | Xumakk tal-Konz | Common Sumach |
| *Salix alba* | Safsaf Kbir; Żafżaf Kbir | White Willow |
| *Salix pedicellata* | Safsaf Żgħir; Żafżaf Żgħir | Mediterranean Willow |
| *Sorbus aucuparia* | Żorba Selvaġġa | Rowan; Mountain Ash |
| *Sorbus domestica* | Żorba | Service Tree |
| *Tetraclinis articulata* | Għargħar | Arar Tree; Sandarac Gum Tree; Mediterranean Alerce. |

| | | |
|---|---|---|
| *Ulmus canescens* [= *Ulmus minor* ssp. *canescens*] | Nemmies; Siġra tan-Nemus | Hoary Elm; Grey-Leaved Elm |
| *Ulmus minor* [= *Ulmus minor* ssp. *minor*] | Ulmu | Common Elm |
| *Ulmus procera* | Ulmu | English Elm |
| *Vitex agnus-castus* | Virga; Siġar tal-Virgi; Għadib; Bżar tal-Patrijiet | Chaste Tree; Virgin Bush. |

---

SKEDA II

SIĠAR IMĦARSA F'ŻONI MAGĦŻULA

Is-siġar li ġejjin huma b'dan imħarsa, skont il-pattijiet u kondizzjonijiet li ġejjin:

(*a*) Is-siġar kollha li għandhom 'il fuq minn 50 sena fl-età huma mħarsa f'żoni protetti, f'ODZ, u f'AKU. Dan il-ħarsien m'għandux japplika għal siġar elenkati fl-Iskeda III u għal dawk is-siġar li, fl-opinjoni tal-awtorità kompetenti, ikunu qegħdin jikkaġunaw xi ħsara jew impatt avvers lill-ambjent jew lil strutturi jew karatteristiċi ta' valur tal-wirt naturali jew kulturali;

(*b*) Siġar li jappartjenu lill-ispeċi elenkati fit-tabella li ġejja huma mħarsa f'żoni protetti u f'ODZ:

| **Isem xjentifiku** | **Isem Malti** | **Isem Ingliż** |
|---|---|---|
| *Ceratonia siliqua* | Ħarrub | Carob Tree |
| *Cercis siliquastrum* | Siġra ta' Ġuda; Ħarrub ta' Ġuda | Judas Tree; Mediterranean Redbud |
| *Chamaerops humilis* | Ġummar | Dwarf Fan Palm |
| *Crataegus azarolus* | Għanżalor | Azarole; Crete Hawthorn |
| *Crataegus monogyna* | Żagħrun | Whithorn; Common Hawthorn |
| *Crataegus x ruscinonensis* | Għanżalor Selvaġġ | Hybrid Hawthorn |
| *Cydonia oblonga* | Sfarġel | Quince |
| *Juniperus phoenicea* | Ġniepru; Ġnibru | Phoenicean Juniper |
| *Laurus nobilis* | Rand | Bay Laurel; Sweet Bay |
| *Morus alba* | Ċawsli | White Mulberry |
| *Morus nigra* | Tut | Black Mulberry |
| *Myrtus communis* | Riħan | Myrtle |
| *Olea europaea* s.l. | Żebbuġ; Żejtun | Olive |
| *Olea oleaster* | Żebbuġ Selvaġġ | Wild Olive |
| *Phoenix dactylifera* | Palma tat-Tamar | Date Palm |
| *Pinus brutia* | Żnuber tal-Lvant | Brutia Pine; Calabrian Pine |
| *Pinus halepensis* | Żnuber; Siġar tal-Prinjol; Siġar tal-Arżnu | Aleppo Pine; Jerusalem Pine |

| | | |
|---|---|---|
| *Pinus pinea* | Żnuber tal-Ikel | Stone Pine; Umbrella Pine |
| *Pistacia lentiscus* | Deru; Delu | Lentisk; Mastic Tree |
| *Populus alba* | Luq | White Poplar |
| *Quercus ilex* | Ballut; /Siġar tal-Ġandar | Holm Oak; Evergreen Oak |
| *Rhamnus alatemus* | Alatermu | Mediterranean Buckthorn |
| *Sambucus nigra* | Sambuka; Sebuq Kbir | Common Elder |
| *Spartium junceum* | Ġenista Safra | Spanish Broom |
| *Tamarix* spp. | Bruk | Tamarisks |
| *Viburnum tinus* | Meruna; Viburnum | Laurustinus |
| *Ziziphus zizyphus* [= *Ziziphus jujuba*] | Żinżel | Jujube |

SKEDA III

SPEĊI INVASIVI, ALJENI JEW INKOMPATIBBLI MAL-AMBJENT

L-ispeċi mmarkati b'asteriska (*) jistgħu jintużaw għall-*landscaping* f'żoni urbani, imma mhux f'ODZ.

| **Isem xjentifiku** | **Isem Malti** | **Isem Ingliż** |
|---|---|---|
| *Acacia cyclops* | Akaċja tal-Għajn | Coastal Wattle |
| *Acacia saligna* [= *Acacia cyanophylla*] | Akaċja | Blue-Leaved Wattle; Blue-Leaved Acacia; Weeping Wattle |
| *Acacia karroo* [= *Acacia horrida* auct. fl. Melit.] | Gażżija tax-Xewk; Xewk ta' Kristu; Akaċja tax-Xewk | Kangaroo Thorn |
| *Ailanthus altissima* [= *Ailanthus glandulosa*] | Xumakk; Xumakk Falz | Tree-of-Heaven; False Sumach; Japanese Varnish Tree |
| *Eucalyptus camaldulensis* * [= *Eucalyptus rostrata*] | Ewkaliptus; Siġra tal-Gamiem | Red Gum; Red River Gum |
| *Eucalyptus gomphocephala* * | Ewkaliptus; Siġra tal-Gamiem | Tuart |
| *Leucaena leucocephala* [= *Acacia leucocephala*; *Albizzia lebbek* auct. fl. Melit.] | Albizzja; Gażżija Bajda | Lead Tree; White Popinac; Cow Tamarind |
| *Pittosporum tobira* * | Pittosporum | Shrubby Putterlick; Japanese Mock Orange |
| *Ricinus communis* | Riġnu | Castor Oil Tree |
| *Schinus terebinthifolius* | Siġra tal-Bżar | Brazilian Pepper |